# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Ċitazzjoni Nru: 186/1994**

***Francis sive Tarcisio Galea bħala direttur f'isem is-soċjetà Tarcisio Galea Construction Limited***

***vs.***

***Anthony Mario Vella bħala direttur f'isem is-soċjetà Chequers' Inn Operators Limited***

**Il-Qorti:**

1. Rat li b'ċitazzjoni ppreżentata fid-9 ta' Frar, 1994, il-kumpannija attriċi talbet lil din il-qorti sabiex fost affarijiet oħra tiddikjara li l-kumpannija konvenuta waqfet milli tħallas id-djun tagħha u biex minħabba f''hekk tordna l-falliment tagħha skont id-dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi tal-Kummerċ**;

2. Rat li din il-qorti b'Imħallef differenti kienet tat sentenza parzjali fil-11 ta' Jannar, 2017, li permezz tagħha ddikjarat illi l-kumpannija konvenuta tabilħaqq waqfet milli tħallas id-djun tagħha b'seħħ fid-29 ta' Novembru, 1993 u għalhekk il-kumpannija konvenuta ġiet iddikjarata fi stat ta' falliment u ġie maħtur kuratur tal-falliment bis-setgħat u d-dmirijiet skont it-**Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ**;

3. Rat li l-kawża quddiem din il-qorti tħalliet għal data oħra sabiex jiġi eżaminat l-inventarju li ried iħejji l-kuratur skont l-**artikolu 502 *et sequitur* tal-Kodiċi tal-Kummerċ**, sabiex issir il-lista tal-kredituri skont l-**artikolu 510(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ** u sabiex tissejjaħ laqgħa tal-kredituri skont l-**artikolu 510(2)** u **(3) tal-Kodiċi tal-Kummerċ**;

4. Rat li s-sentenza parzjali tal-11 ta' Jannar, 2017 ġiet appellata mill-kumpannija konvenuta u minħabba f'hekk il-proċeduri quddiem din il-qorti waqfu sakemm tingħata s-sentenza mill-Qorti tal-Appell;

5. Rat li b'sentenza mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2022, il-Qorti tal-Appell ħassret is-sentenza ta' din il-qorti tal-11 ta' Jannar, 2017 għax sabet li l-kumpannija attriċi ma kellhiex interess ġuridiku li tmexxi b'din il-kawża. Minħabba din is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell, il-proċeduri quddiem din il-qorti ma jistgħux jitkomplu għaliex tneħħiet id-dikjarazzjoni tal-falliment tal-kumpannija konvenuta;

**Għaldaqstant il-qorti qiegħda tiddikjara dawn il-proċeduri bħala mitmuma u b'hekk qiegħda tieqaf milli tqis aktar din il-kawża u tordna lir-reġistratur sabiex ineħħiha minn fuq il-lista tal-kawżi attivi.**

**Digriet mogħti llum, nhar it-Tnejn, 9 ta' Mejju, 2022.**

______________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

______________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**